C/2025/2790

16.5.2025

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każijiet AT.40721 — Microsoft Teams u AT.40873 — Microsoft Teams II

(C/2025/2790)

1. Introduzzjoni

(1) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat ([1]), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi – f'dawk il-każijiet fejn qed taħseb li tadotta deċiżjoni li tirrikjedi li ksur jingieb fit-temm u l-partijiet ikkonċernati joffru impenji li jilħqu l-konċerni espressi lilhom mill-Kummissjoni fl-istima preliminari tagħha – biex dawk l-impenji jsiru vinkolanti fuq l-impriżi. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifiku u għandha tikkonkludi li ma hemmx aktar raġunijiet għal azzjoni mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju konċiż tal-każ u l-kontenut prinċipali tal-impenji. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw il-kummenti tagħhom sal-limitu taż-żmien għal dan stabbilit mill-Kummissjoni.

2. Sommarju tal-Każ

(2) Fil-25 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ("DO") dwar il-ksur allegat tal-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"). Id-DO tikkostitwixxi valutazzjoni preliminari skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

(3) Id-DO sabet b'mod preliminari li Microsoft abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi abbinat l-għodda ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni Teams li hija software bħala servizz (Software-as-a-Service, SaaS) mal-applikazzjonijiet dominanti tagħha tal-produttività SaaS għall-użu professjonali Word, Excel, PowerPoint u Outlook (il-"prodotti abbinati").

(4) Mill-inqas mill-2019 'l hawn, il-klijenti ma setgħux jiksbu l-prodotti abbinati, li jinbiegħu bħala parti mis-settijiet Office 365 u Microsoft 365 ("O365/M365"), mingħajr Teams. Dan ipprovda vantaġġ ta' distribuzzjoni lil Teams, li l-kompetituri ma setgħux jikkumpensaw u li kompla jiġi aggravat minn interoperabbiltà limitata bejn il-prodotti ta' Microsoft u soluzzjonijiet rivali.

(5) Matul l-investigazzjoni, Microsoft implimentat unilateralment bidliet fl-imġiba tagħha, b'mod partikolari billi introduċiet verżjonijiet tas-settijiet O365/M365 mingħajr Teams għall-ħaddiema fl-għerf u tal-ewwel linja, bi prezz aktar baxx mis-settijiet b'Teams, l-ewwel fiż-ŻEE (2023) u mbagħad globalment (2024). Id-DO kkonstatat b'mod preliminari li dawn il-bidliet, meta vvalutati fit-totalità tagħhom, ma kinux biżżejjed biex jintemm il-ksur u l-effetti tiegħu.

3. Il-Kontenut Prinċipali tal-Impenji Offruti

(6) Microsoft ma taqbilx mad-DO tal-Kummissjoni. Madankollu, filwaqt li tibni fuq il-bidliet unilaterali tagħha, hija offriet impenji skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, biex tindirizza l-preokkupazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni. L-elementi ewlenin tal-impenji huma:

(a) Microsoft għandha toffri lill-klijenti li jixtru fiż-ŻEE ("klijenti taż-ŻEE") il-verżjonijiet tagħha O365/M365 għal ħaddiema fl-għerf ("settijiet koperti") mingħajr Teams ("settijiet mingħajr Teams") u tagħmel dan bi prezz aktar baxx mis-settijiet koperti korrispondenti li jinkludu Teams ("Price Delta") ([2]). Il-Price Delta tas-settijiet ikbar mingħajr Teams se tkun ogħla mill-price delta taħt il-bidliet unilaterali tal-Microsoft. Il-prezz ta' Teams se jkun daqs jew ogħla mill-Price Delta. Ir-rati ta' skont offruti fuq Teams jew is-settijiet koperti ma għandhomx jaqbżu r-rati ta' skont offruti fuq is-settijiet mingħajr Teams.

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 101 u 102, rispettivament, tat-TFUE. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma identiċi fis-sustanza. Għall-finijiet ta' dan l-avviż, ir-referenzi għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE fejn xieraq.

([2]) Aħna nifhmu li Microsoft beħsiebha tallinja globalment l-offerti u l-ipprezzar tagħha għas-settijiet.

(b) Il-klijenti taż-ŻEE għandhom jitħallew jużaw is-settijiet mingħajr Teams fiċ-ċentri tad-data madwar id-dinja. Il-klijenti taż-ŻEE f'kuntratti fit-tul għandhom jingħataw opportunitajiet rikorrenti biex jaqilbu għal settijiet mingħajr Teams.

(c) Għal funzjonalitajiet speċifiċi, Microsoft għandha tippermetti l-aċċess u l-interoperabbiltà effettiva għall-prodotti u għas-servizzi ta' Microsoft identifikati u s-suċċessuri tagħhom għall-kompetituri ta' Teams u l-partijiet terzi li jippermettu l-interoperabbiltà bejn il-kompetituri ta' Teams u l-imsemmija prodotti u servizzi ta' Microsoft.

(d) Microsoft għandha tippermetti lill-kompetituri ta' Teams jinkorporaw l-Applikazzjonijiet Web ta' Office (Word, Excel u PowerPoint) biex jipprovdu funzjonalità ekwivalenti f'termini ta' viżwalizzazzjoni, editjar, kollaborazzjoni, preżentazzjoni u esperjenzi "diretti" kif dawn l-Applikazzjonijiet Web ta' Office jipprovdu lil Teams.

(e) Microsoft għandha tippermetti lill-kompetituri ta' Teams li jkunu integrati b'mod prominenti fil-prodotti abbinati.

(f) Microsoft għandha tippermetti lill-klijenti taż-ŻEE jisiltu d-data tal-messaġġi tat-Teams tagħhom għall-użu f'soluzzjoni alternattiva, f'każ li jkunu jixtiequ jużaw soluzzjoni alternattiva minflok, jew b'mod parallel ma', Teams.

(g) Id-durata tal-impenji għandha tkun ta' 7 snin mid-Data Effettiva, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar l-interoperabbiltà u l-portabbiltà tad-data li għandu jkollhom durata ta' 10 snin. Microsoft għandha taħtar Fiduċjarju tal-Monitoraġġ biex jimmonitorja l-konformità mal-impenji u jagħmilha ta' medjatur f'każ ta' tilwim. Jekk jippersisti tħassib, it-tilwima tgħaddi minn arbitraġġ rapidu.

(7) L-impenji huma ppubblikati bis-sħiħ bl-Ingliż fis-sit tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni fl-indirizz:

https://ec.europa.eu/competition-policy/index_en

4. **Stedina għall-Kummenti**

(8) Wara li jsir l-ittestjar tas-suq, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li fiha tiddikjara li l-impenji mniżżla fil-qosor hawn fuq u ppubblikati fuq l-Internet, fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, bħala vinkolanti.

(9) Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-impenji proposti. Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-partijiet terzi interessati huma wkoll mistiedna jippreżentaw verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom, li fiha kull informazzjoni li jiddikjaraw li hija sigriet kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra għandha titħassar u tiġi ssostitwita kif xieraq b'sommarju mhux kunfidenzjali jew bil-kliem "sigrieti kummerċjali" jew "kunfidenzjali".

(10) Ir-risposti u l-kummenti għandhom preferibbilment ikunu motivati u għandhom jippreżentaw il-fatti rilevanti. Jekk inti tidentifika problema fi kwalunkwe parti tal-impenji proposti, il-Kummissjoni tistiednek ukoll biex tissuġġerixxi xi soluzzjoni possibbli.

(11) L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni taħt in-numri ta' referenza **AT.40721 – Microsoft Teams** u **AT.40873 – Microsoft Teams II** jew bil-posta elettronika (COMP-GREFFE-ANTITRUST@ec.europa.eu) jew bil-posta, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Directorate-General for Competition
Antitrust Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË